C/2026/4927

22.9.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12546 — SAMSUNG / GS E&C / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4927)

1. Fl-14 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Samsung SRA Asset Management Co., Ltd. ("Samsung SRA", il-Korea t'Isfel), li tappartjeni għal Samsung Group (il-Korea t'Isfel),

— GS Engineering & Construction Corp. ("GS E&C", il-Korea t'Isfel), li tappartjeni għall-grupp GS, (il-Korea t'Isfel).

Samsung SRA u GS E&C se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Bursera sp. z o.o. (Bursera, Polonja), impriża konġunta ta' żoni ġodda.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Samsung SRA hija maniġer ta' diversi fondi ta' proprjetà immobbli globalment,

— GS E&C topera globalment fis-settur tal-kostruzzjoni bħala kuntrattur għal proġetti li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' faċilitajiet industrijali, l-infrastruttura tal-enerġija, l-arkitettura residenzjali u kummerċjali, l-infrastruttura ġenerali u l-iżvilupp tal-proprjetà, kif ukoll attivitajiet oħra ta' investiment.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Bursera se jkunu dawn li ġejjin: l-operat u l-kiri ta' proprjetà immobbli (maħżen) fil-Polonja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12546 — SAMSUNG / GS E&C / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË